**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 16 ta` Dicembru 2019**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Nru. 15/19 JZM**

**Francesco Tomaselli (detentur tal-karta tal-identita` Taljana AV7460278) bhala mandatarju specjali tal-assenti Davide Sapienza (detentur tal-karta tal-identita` Taljana AR0599414)**

***kontra***

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fid-29 ta` Jannar 2019 li jaqra hekk :–

*Illi fit-18 ta` Dicembru, 2013, Davide Sapienza li huwa cittadin Taljan, tressaq b`arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja akkuzat bi traffikar tal-pjanta cannabis u pussess aggravat tal-pjanta cannabis u tad-droga kokajina.*

*Illi fil-mori ta` l-istruttorja gew esibiti mill-prosekuzzjoni zewg vetturi, wahda ta` l-ghamla Citroen Sazo targata AG254BE u l-ohra ta` l-ghamla Ferrari 360 targata BG247NS, sitt mobile phones, tlieta tal-mudell iPhone 4, wiehed tal-mudell Samsung S3 u tnejn tal-mudell Samsung SG 3005, laptop ta` l-ghamla Toshiba u flus kontanti fl-ammont ta` sebat-elef tlett mija u tletin ewro (€ 7,330). Dawn l-oggetti huma kollha proprjeta` ta` Davide Sapienza. Il-flus kontanti kienu, fi zmien meta gew elevati, proprjeta` ta` Edimar Kleiton Dos Santos Silva. Peress li t-talba tieghu sabiex jiehu dawn il-flus lura giet michuda, l-ammont imsemmi gie saldat mill-esponent fil-mori tal-proceduri.*

*Illi fil-15 ta` Marzu, 2014, l-esponent gie awtorizzat mill-Qorti Kriminali sabiex isiefer gewwa pajjizu l-Italja. Waqt li kien l-Italja, l-esponent ipprevalixxa ruhu mid-dritt li jigi processat ghar-reati msemmija a bazi ta` l-artikolu 9 tal-Kodici Penali Taljan. Huwa gie infatti kkundannat ghal tlett (3) snin rekluzjoni permezz ta` sentenza tat-Tribunale di Roma tat-22 ta` Mejju, 2018.*

*Illi permezz ta` rikors ta` l-14 ta` Settembru, 2018, Davide Sapienza talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja sabiex, inter alia, tiddikjara l-azzjoni kriminali hawn Malta fil-konfront tieghu estinta fid-dawl tal-principju tan-ne bis in idem. Permezz ta` decizjoni ta` l-20 ta` Settembru, 2018, dik il-Qorti, wara rat ir-risposta mhux oppozitorja ta` l-Avukat Generali ta` l-istess gurnata, laqghet it-talbiet kontenuti fir-rikors ta` Davide Sapienza ta` l-14 ta` Settembru, 2018, naturalment inkluz it-talba dwar l-estinzjoni ta` l-azzjoni kriminali.*

*Illi permezz ta` rikors ta` l-24 ta` Ottubru, 2018, Davide Sapienza talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja sabiex tawtorizzah jirtira l-oggetti proprjeta` tieghu msemmija iktar `il fuq. Permezz ta` risposta tad-29 ta` Ottubru, 2018, l-Avukat Generali oggezzjona ghat-talba ta` Davide Sapienza u, addirittura, talab lill-Qorti tghaddi ghall-konfiska ta` l-imsemmija oggetti. Huwa invoka is-subinciz (3) ta` l-artikolu 23C tal-Kodici Kriminali in sostenn tat-talba tieghu.*

*Illi fil-5 ta` Novembru, 2018, wara li rat ukoll ir-risposta ta` Davide Sapienza tat-2 ta` Novembru, 2018, cahdet it-talba ta` l-esponent ta` l-24 ta` Ottubru, 2018 u laqghet il-kontro-talba ta` l-Avukat Generali u ordnat il-konfiska ta` l-oggetti msemmija.*

***1. <u>Ksur tad-dritt tieghu sancit mill-Artikolu 4 tas-Seba` Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta` Malta</u>***

*Illi huwa fatt mhux kontestat li r-reati addebitati lill-esponent quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja ghaddew in gudikat permezz ta` sentenza tat-Tribunale di Roma tat-22 ta` Mejju, 2018. Infatti dik il-Qorti kkundannat Davide Sapienza ghal piena ta` tlett (3) snin rekluzjoni. Jinghad ghal kull buon fini li l-fatti tal-kawza deciza fl-Italja huma l-istess fatti tal-kawza hawn Malta li l-azzjoni kriminali taghha giet dikjarata estinta bid-decizjoni ta` l-20 ta` Settembru, 2018.*

*Illi l-kontro-talba ta` l-Avukat Generali maghmula fid-29 ta` Ottubru, 2018 kienet manifestament talba sabiex Davide Sapienza jinghata piena ulterjuri ghar-reati li taghhom kien gie gja` ssentenzjat fl-Italja. Ghalhekk id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja tal-5 ta` Novembru, 2018 fejn giet ordnata l-konfiska taz-zewg vetturi, wahda ta` l-ghamla Citroen Sazo targata AG254BE u l-ohra ta` l-ghamla Ferrari 360 targata BG247NS, sitt mobile phones, tlieta tal-mudell iPhone 4, wiehed tal-mudell Samsung S3 u tnejn tal-mudell Samsung SG 3005, laptop ta` l-ghamla Toshiba u flus kontanti fl-ammont ta` sebat-elef tlett mija u tletin ewro (€ 7,330) hija leziva tad-dritt tieghu sancit mill-Artikolu 4 tas-Seba` Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

## 2. ***Ksur tad-dritt tieghu sancit mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta` Malta***

*Illi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja tal-5 ta` Novembru, 2018 li tilqa` t-talba ta` l-Avukat Generali "kif kontenuta fir-risposta tieghu tad-29 ta` Ottubru, 2018*

*(sabiex il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti in kwistjoni)" hija msejjsa fuq is-subinciz (3) ta` l-artikolu 23C tal-Kodici Kriminali invokat espressament mill-istess Avukat Generali fl-imsemmija risposta.*

*Illi din id-disposizzjoni giet introdotta fil-Kodici Kriminali permezz ta` l-artikolu 3 ta` l-Att VIII ta` l-2015. Ir-reati li kienu gew addebitati lil Davide Sapienza jirrisalu ghat-18 ta` Dicembru, 2013 u ghax-xahrejn ta` qabel. L-Att VIII ta` l-2015 dahal fis-sehh fis-17 ta` Marzu, 2015, u cioe` <u>wara</u> t-18 ta` Dicembru, 2013. L-istess Att, permezz ta` l-artikolu 1(2) tieghu, jippreкludi espressament l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet fih inkluzi fil-kaz ta` l-esponent.*

*Illi, ghalhekk, u minghajr pregudizzju ghall-fatt manifest li din id-disposizzjoni ma setghet qatt tapplika ghall-kaz ta` persuna li pprevalixxa ruhha mid-dritt taghha li tigi processata a bazi ta` l-artikolu 9 tal-Kodici Penali Taljan, bid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja tal-5 ta` Novembru, 2018, inghatat piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta gew kommessi r-reati kriminali mill-Davide Sapienza u ghalhekk hija wkoll leziva tad-dritt ta` l-esponent sancit mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

***3. <u>Ksur tad-dritt tieghu sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta</u>***

*Illi bid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja tal-5 ta` Novembru, 2018, Davide Sapienza gie prekluz milli*

*jintavola kawza skond l-artikolu 22C ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi sabiex juri l-provenjenza lecita ta` l-oggetti msemmija u jirriprendi l-pussess taghhom. Il-procedimenti msemmija f`dik id-disposizzjoni jistghu jsiru biss (i) mill-persuna misjuba hatja jew (ii) mit-terza persuna msemmija fl-artikolu 22(3A)(d) ta` l-imsemmija Ordinanza. L-esponent la gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja u lanqas ma jikkwalifika bhala terza persuna msemmija fl-artikolu 22(3A)(d). Ghalhekk b`dik id-decizjoni huwa gie prekluz minn access ghal Qorti b`lezjoni tad-dritt tieghu sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

***4. Ksur tad-dritt tieghu sancit mill-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea***

*Illi b`decizjoni ta` l-20 ta` Settembru, 2018, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja iddikjarat, inter alia, li l-azzjoni kriminali fil-konfront ta` Davide Sapienza kienet estinta fid-dawl tal-principju tan-ne bis in idem. B`din id-decizjoni il-proceduri hawn Malta kontra Davide Sapienza ghaddew ukoll in gudikat in kwantu ma sar ebda appell da parti ta` l-Avukat Generali.*

*Illi ghalhekk id-decizjoni taghha tal-5 ta` Novembru, 2018 fejn, nonostante l-estinzjoni ta` l-azzjoni fil-konfront ta` Davide Sapienza, giet ordnata l-konfiska taz-zewg vetturi, wahda ta` l-ghamla Citroen Sazo targata AG254BE u l-ohra ta` l-ghamla Ferrari 360 targata BG247NS, sitt mobile phones, tlieta tal-mudell iPhone 4, wiehed tal-mudell Samsung S3 u tnejn tal-mudell Samsung SG 3005, laptop ta` l-*

*ghamla Toshiba u flus kontanti fl-ammont ta` sebat-elef tlett mija u tletin ewro (€ 7,330) hija leziva tad-dritt tieghu sancit mill-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea.*

*Ghaldaqstant l-esponenti, ghar-ragunijiet premessi, jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :*

*1. Tiddikjara li d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja tal-5 ta` Novembru, 2018 tikser id-dritt ta` Davide Sapienza sancit mill-Artikolu 4 tas-Seba` Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

*2. Tiddikjara li d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja tal-5 ta` Novembru, 2018 tikser id-dritt ta` Davide Sapienza sancit mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

*3. Tiddikjara li d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja tal-5 ta` Novembru, 2018 tikser id-dritt ta` Davide Sapienza sancit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta.*

*4. Tiddikjara li d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja tal-5 ta` Novembru, 2018 tikser id-dritt ta` Davide Sapienza sancit mill-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea.*

*5. Taghti id-direttivi kollha sabiex jigu sanciti d-drittijiet konvenzjonali u kostituzzjonali ta` Davide Sapienza kif protetti mill-istess Konvenzjoni u Kostituzzjoni, inkluz l-ghoti ta` danni materjali u dawk mhux pekunjarji kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta prezentata fit-28 ta` Frar 2019 li taqra hekk :–

*Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrent qieghed jallega ksur tad-drittijiet tieghu kif jipprovdu l-artikoli 6, 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u dan ghaliex b`digriet datat 5 ta Novembru 2018 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet talba ta` Davide Sapienza li jiehu lura l-oggetti mertu tal-kawza u laqghet il-kontro-talba maghmula mill-esponent Avukat Generali fejn ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta` Malta tal-oggetti in kwistjoni.*

*Illi esponenti jirrespingu l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt ghass-egwenti ragunjiet li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin :*

*1. Illi qabel mal-esponent jidhol fil-lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali tajjeb li jinghad li Davide Sapienza tressaq il-Qorti tal-Magistrati (Istruttorja) akkuzat li wettaq reati ta` traffikar u pusses tad-droga cannabis u kokajina. Fil-mori tal-kawza talab permess li jsiefer u jmur lura art twelidu l-Italja liema talba giet milqugha mill-Qorti tal-Magistrati taht diversi kundizzjonijiet. Gara li meta Davide Sapienza telaq lejn l-Italja u ma regghax gie Malta u b`hekk gie trattat bhal persuna mahruba tant li l-awtoritajiet Maltin jargu kemm Mandat ta` Arrest kemm Ewropew (EAW) kif ukoll wiehed Internazzjonali (IAW).*

*Ghalhekk Davide Sapienza b`mod mill-iktar sfaccat gie jaqa u jqum mill-proceduri f`Malta u iddecieda li ghandu jigi processat gewwa l-Italja u mhux f`Malta. Jidher li inghata sentenza minn Tribunal f`Ruma fejn instab hati u gie kkundannat tliet snin prigunerija nonostante li bejn l-Italja u Malta kien hemm ftehim li Davide Sapienza kellu jkompli l-process f`Malta.*

*2. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandu jgib prova tat-titolu li hu allegatament ghandu fuq l-oggetti li jikkonsistu vetturi Citroen Saxo AG254BE u Ferrari 360 BG247NS, sitt mobile phones tlieta tal-mudell iphone 4, wiehed Samsung S3 u tnejn Samsung SG3005, laptop ta` l-ghamla Toshiba u flus kontanti fl-ammont ta` 7,330 euro.*

*3. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti qieghed jabbuza mill-process kostituzzjonali stante illi qieghed jadopera procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta kellu a dispozizzjoni tieghu rimedji ordinarji li jikkonsisti fil-procedura ai termini tal-artikolu 22C tal-Kap 101 u appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati. Galadarba l-ordni ta` sekwestru u ta` konfiska hargu f`Malta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u galadarba r-rikorrent instab hati ghalkemm fl-Italja, m`hemm l-ebda dubju li seta` juzufruwixxi mil-procedura stabbilita` ai termini tal-artikolu 22C tal-Kap 101 li hija il-procedura korretta biex persuna li ikollha ordni ta` konfiska tuza sabiex l-ordni ta` konfiska jigi revokat. Illi persuni li jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom ma jistghux jippretendu li jircievu rimedju minn qrati muniti b`gurisdizzjoni kostituzzjonali meta jirrizulta li jkun hemm rimedji ordinarji adegwati taht ir-regim ordinarju li ghandhom il-kapacita li jsewwu s-sitwazzjoni taghhom.*

*Illi fi kwalunkwe kaz jekk ir-rikorrent ma kienx qed jaqbel mad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta` Novembru 2018 seta` dejjem jappella minnha u ghalhekk galadarba m`appellax kellu rimedju ordinarju iehor effettiv li ma giex uzat.*

*Illi in vista tas-suespost, l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex taghzel li tezercita l-fakolta moghtija lilha mill-ligi u tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha ai termini tal-artikolu*

*46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*4. Illi huwa inspjegabbli kif ir-rikorrent qieghed jinvoka l-artikolu 4 tas-Seba` Protokoll u l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni li jirrigwardaw fost affarijiet ohra il-jedd li persuna m`ghandix tigi iggudikata darbtejn dwar l-istess reat meta evidentement mhux hekk gara proprju minhabba r-ragunijiet li ta r-rikorrent fir-rikors promotur. Ir-rikorrent qed jghid li gie iggudikat u kkundannat l-Italja permezz tas-sentenza mit-Tribunale di Roma tat-22 ta` Mejju 2018. Hawn Malta l-proceduri kriminali gew estinti permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat 20 ta` Settembru 2018. Il-proceduri kriminali gew estinti proprju sabiex jigi osservat il-principju tan-ne bis in idem. Ghalhekk din il-lanjanza mhijiex gustifikata.*

*5. Illi l-Qorti Taljana fis-sentenza taghha ma tghid xejn fuq il-konfiska o meno tal-oggetti li gew milquta mill-ordni ta` sekwestru moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)(bhala Qorti Istruttorja) nhar is-27 ta` Dicembru 2013 liema oggetti kienu dejjem soggetti ghal-konfiska gewwa Malta irrispettivament mill-applikazzjoni tal-artikou 23C tal-Kap 9. M`huwiex gust li ordni ta` sekwestru legittimament mahrug mill-Qorti f`Malta jigi injorat ghax inkella inkunu qed nitkellmu dwar kaz ta` ab omissa decisione. Ghalhekk kienet gustifikata l-Qorti tal-Magistrati li tordna l-konfiska ta` oggetti li kienu sekwestrati f`Malta. Tajjeb li jinghad li ma ngabet l-ebda prova dwar il-provenjenza lecita tal-oggetti mertu tal-kawza u allura l-Qorti tal-Magistrati qatt ma kellha s-serhan il-mohh li l-oggetti ma kienux proceeds of crime.*

*6. Id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta m`huwiex xi dritt assolut u l-artikolu konvenzjonali filwaqt li fl-ewwel sentenza tieghu jenuncja l-principju generali tat-tgawdija pacifika tal-possedimenti ta` kull persuna, ikompli billi jelenka r-restrizzjonijiet ghal dan id-dritt principalment fl-interess generali. l-ordni tal-iffrizar hija intiza sabiex tipprotegi l-interess generali billi tassigura li flus derivanti minn reat ma jigux impjegati sabiex jintuzaw ghal beneficcju tal-akkuzat u kif ukoll li f`kaz ta` sejbien ta` htija tkun tista tigi infurzata ordni ta` konfiska. Huwa f`dan il-kuntest kollu li l-ordni ta` iffrizar hija wahda assolutament mehtiega u fuq kollox legittima.*

*Ghalhekk ma hemmx lezjoni tal-artikolu 7 u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.*

*7. Illi ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafu numru 3 l-esponent jirrileva li r-rikorrent kellu access ghal-Qorti ai termini tal-artikolu 22C tal-Kap 101 u ghalhekk ma hemm l-ebda lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*8. Illi tenut kont ta` dawn il-konsiderazzjonjiet kollha, l-esponent huwa tal-umli fehma li r-rikorrent ma garrab l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu u ghalhekk m`ghandu jiehu l-ebda rimedju jew kumpens.*

*Ghaldaqstant fid-dawl ta` dawn ir-ragunijiet, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.*

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors, inkluz l-atti tal-proceduri kriminali li kienu istitwiti kontra l-mandant tar-rikorrent.

Rat in-noti ta` sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tat-28 ta` Novembru 2019.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. L-allegati vjolazzjonijiet tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni citati mir-rikorrent noe

### 1. Xiehda

**L-Ispettur Gabriel Micallef** xehed illi b`effett mis-sajf 2018 huwa stazzjonat fil-Criminal Intelligence Analysis Unit (CIAU) tal-Pulizija. Bejn l-2013 u l-2017 kien stazzjonat fl-Iskwadra ta` kontra d-Drogi.

Xehed illi kien Dicembru 2013 meta dahlet informazzjoni dwar Taljan li kien qed jittraffika d-droga fl-inhawi tas-Swieqi u li kien qed juza Ferrari sewda. L-informazzjoni kienet fis-sens illi dan kien jaghmel dawra bil-Ferrari u jirrejzja l-karrozza ; dak kien s-sinjal biex jissenjala l-presenza tieghu. Saret investigazzjoni, waqqfu lil Davide Sapienza, u sabuh fil-pussess ta` droga cannabis. Meta saret tfittxija fid-dar tieghu nstabet aktar haxixa. B`kollox instabu tliet kilogrammi haxixa. Elevaw il-Ferrari, li kienet pparkjata fil-parking ta` Portomaso, kif ukoll Citroen Saxo. Wara tfittxija go appartament iehor li kellu fis-Swieqi, instabu madwar €8,000 fi flus kontanti li kienu taht is-saqqu fil-kamra tas-sodda.

Kompla jixhed li ttiehdu proceduri kriminali kontra Sapienza fejn huwa kien l-ufficjal prosekutur. Waqt li kienet ghaddejja l-kumpilazzjoni, Sapienza ghamel talba sabiex isiefer lejn l-Italja u l-qorti tatu permess bil-patt u kundizzjoni li jerga` lura Malta. Sapienza mar l-Italja izda ma giex lura. Ghamel talba lill-qrati fl-Italja skont il-ligi penali Taljana sabiex ladarba kien cittadin Taljan il-kaz tieghu dwar il-fatti li graw Malta jigi deciz mill-qrati Taljani. It-talba tieghu kienet akkolta. Fil-fatt kien processat l-Italja, il-kaz kontrih kien deciz, u ghadda in gudikat.

Stqarr illi meta r-rikorrent tressaq quddiem il-qrati Maltin, il-prosekezzjoni talbet l-iffrizar tal-assi. Il-qorti hatret espert sabiex jistabilixxi l-assi. Meta kien ghaddej mill-proceduri Malta, inghata l-helsien mill-arrest skont diversi kondizzjonijiet. Meta mar l-Italja u ma giex lura Malta, kien tqies bhala persuna li harab minn Malta u ghalhekk hargu kontra tieghu kemm European Arrest Warrant kif ukoll International Arrest Warrant.

Kompla stqarr li l-Italja Sapienza kien ikkundannat prigunerija u multa. Min-naha Maltija, kien hemm decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati illi dwar l-assi tar-rikorrent, dawn kellhom jigu konfiskati favur il-Gvern.

**Fil-kontroezami**, xehed illi r-reati li dwarhom kien processat fl-Italja kienu l-istess reati naxxenti mill-istess fatti li bihom kien akkuzat quddiem il-qrati Maltin.

Stqarr illi fl-14 ta` Settembru 2018, Sapienza pprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fejn wara li gab a konjizzjoni tal-qorti li l-kaz tieghu l-Italja kien ghadda in gudikat, talab li l-procediment tieghu Malta jigi dikjarat ezawrit. Fl-24 ta` Ottubru 2018, Sapienza talab sabiex ikun jista` jirtira l-oggetti li kienu gew ezebiti mill-prosekuzzjoni fil-kors tal-procediment Malta. L-Avukat Generali mhux biss oppona t-talba izda nsista li l-oggetti jigu konfiskati. Fil-5 ta` Novembru 2018, il-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba ta` Sapienza u ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta` Malta.

## 2. Sottomissjonijiet bil-miktub

### i) Ir-rikorrent noe

Dwar l-eccezzjoni tal-Avukat Generali illi ma kienx ezawrixxa r-rimedji ordinarji tieghu, partikolarment illi ma rrikorriex ghal dak li jipprovdi l-Art 22C tal-Kap 101, ir-rikorrent jikkontesta li kellu r-rimedji ordinarji li ghalihom seta` jirrikorri. Irrileva li l-Art 22C jipprovdi rimedju meta l-konfiska tkun saret ai termini tal-Art 22(3A)(d) tal-Kap 101. Fil-kaz odjern mhux hekk gara ghaliex il-konfiska saret ai termini tal-Artikolu 23C(3) tal-Kap 9. Din tal-ahhar hija disposizzjoni *sui generis* li ma taghti lok ghal ebda rimedju.

Dwar l-eccezzjoni tal-Avukat Generali li seta` appella mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati, ir-rikorrent isostni li ma hemm ebda dritt ta` appell minn decizjoni ta` l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja. Di piu` l-pronunzjament tal-qorti koncernata kien digriet mhux sentenza. Kienu citati n-noti tal-procedura kriminali tal-Professur Sir Anthony Mamo fejn inghad hekk :-

*"Now in the first place, it is to be noted that, as the heading of the sub-title under which these provisions are contained* (s-Subtitolu III tat-

Titolu II tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali) *clearly conveys, appeals are allowed only from judgements of the Courts of Judicial Police as a Court of Criminal Judicature. No appeal lies from any decree or order given by the Court of Judicial Police as a Court of Criminal Enquiry …"*

Dwar il-mertu tal-ewwel ilment [allegat ksur tal-Art 39(9) tal-Kostituzzjoni u Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni) ir-rikorrent jissottometti li r-reati addebitati lilu fil-procediment Malti kienu decizi u ghaddew in gudikat b`sentenza li nghatat l-Italja fit-22 ta` Mejju 2018. Il-fatti taz-zewg procedimenti kienu l-istess. Ladarba l-procediment kriminali kontra tieghu bl-istess reati u dwar l-istess fatti kien deciz b`mod definittiv fl-Italja, ir-rikorrent jikkontendi li l-qorti Malta ma setghetx tordna l-konfiska tal-oggetti elevati u esebiti fil-procediment Malti. Il-provvediment tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja li bih kienet ordnata l-konfiska huwa lesiv ghall-jeddijiet fondamentali tieghu.

Dwar it-tieni lment [allegat ksur tal-Art 39(8) tal-Kostituzzjoni u tal-Art 7 tal-Konvenzjoni] ir-rikorrenti josserva illi l-Art 23C(3) tal-Kap 9 li fuqu l-Avukat Generali sejjes it-talba ghall-konfiska hija disposizzjoni li kienet introdotta bl-Art 3 tal-Att VIII tal-2015, mentri r-reati li bihom kien akkuzat imorru lura ghat-18 ta` Dicembru 2013 u ghax-xahrejn ta` qabel dik id-data. L-Att VIII tal-2015 dahal fis-sehh fis-17 ta` Marzu 2015. L-Art 1(2) ta` dak l-Att jipprekludi espressament l-applikazzjoni ta` sanzjonijiet. Bil-provvediment taghha il-qorti istruttorja Maltija tat piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta kienu kommessi r-reati. Ghalhekk kien hemm lezjoni.

Dwar it-tielet ilment [allegat ksur tal-Art 39 tal-Kostitruzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni] ir-rikorrent jissottometti illi bil-provvediment in kwistjoni huwa kien prekluz milli jipprezenta azzjoni skont l-Art 22C tal-Kap 101 sabiex juri l-provenjenza lecita tal-oggetti u b`hekk johodhom lura. Dan gara ghaliex id-disposizzjoni tirregola l-fatt li l-procedimenti jistghu jsiru biss jew i) mill-persuna misjuba hatja ; jew ii) minn terza persuna ndikata fl-Art 22(3A)(d) tal-Kap 101. Bhala fatt huwa la kien misjub hati u lanqas ma kien jikkwalifika bhala terza persuna skont l-Art 22(3A)(d).

Dwar ir-raba` lment [allegat ksur tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni] ir-rikorrent jissottometti li l-provvediment tal-qorti nostrana kien vjolat il-principju ta` *ne bis in idem.* Kull azzjoni Malta kienet estinta mid-decizjoni finali tal-qorti fl-Italja. Mhux kontestat li l-oggetii in kwistjoni

huma tieghu.  Bil-konfiska kien hemm lezjoni anke tal-jedd tieghu hekk kig imhares bl-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni.

## ii) <u>L-intimat</u>

Dwar l-eccezzjoni li r-rikorrent ma kienx ezawrixxa r-rimedji ordinarji tieghu, l-intimat josserva illi fl-ordinament guridiku taghna, meta persuna jkollha l-assi taghha konfiskati wara sejbien ta` htija minhabba reati ta` droga, ir-rimedju sabiex dawk l-assi jigu rilaxxjati huwa regolat bl-Art 22C tal-Kap 101. Ghalkemm fil-kaz odjern il-konfiska kienet ordnata abbazi tal-Art 23C tal-Kap 9, ir-rizultat finali huwa l-istess, fis-sens li persuna li nstabet hatja, u li kellha l-assi taghha ffrizzati, gew imbaghad konfiskati. Ghalhekk ir-rimedju ordinarju kien fondat fl-Art 22C tal-Kap 101.

Jirrileva illi mhuwiex sewwa li ordni ta` sekwestru mahrug skont il-ligi minn qorti Maltija jigi njorat minn qorti ohra ta`gurisdizzjoni ohra, ghaliex altrimenti ikun kaz ta` *ab omisse decisione*. Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja kienet gustifikata meta ordnat il-konfiska.  Inoltre ma ngabet ebda prova tal-provenjenza lecita tal-oggetti.  Ghalhekk il-qorti nostrana qatt ma seta` kellha s-serhan tal-mohh li l-oggetti sekwestrati ma kienux *proceeds of crime*.

Ighid li dan l-istess argument ghandu jinghata konsiderazzjoni anke minn din il-Qorti.

Dwar il-mertu tal-ewwel ilment, l-Avukat Generali jissottometti illi l-principji li jirregolaw l-applikazzjoni tal-Art 39(9) tal-Kostituzzjoni u tal-Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni kienu migbura f`diversi decizjonijiet tal-qrati taghna.  Ghar-rigward tal-Art 39(9) tal-Kostituzzjoni, jirreferi ghas-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **<u>Francis Vella vs Avukat Generali</u>** moghtija fid-29 ta` Settembru 2009. Dwar Art 4 Prot 7, jirreferi ghad-decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta` Frar 2007 fir-referenza kostituzzjonali fil-kaz **<u>Il-Pulizija vs John Micallef</u>**.

Jikkummenta li l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ma jridux illi xi hadd, wara li jkun diga` kien gudikat fi proceduri kriminali, jerga` jghaddi minn gudizzju iehor dwar l-istess fatti u l-istess reati.  Dan premess, jirrileva li meta wiehed jigi biex iqis l-applikazzjoni tal-

principju ta` *ne bis in idem* ghall-fattispeci tal-kaz odjern, qatt ma jista` jikkonkludi li kien hemm ksur tad-disposizzjonijiet li dwarhom qieghed jilmenta r-rikorrent.

Jikkontendi illi fil-kaz tar-rikorrent, kien hemm procediment kriminali istitwit Malta li mbaghad kompla quddiem il-qrati Taljan b`sentenza ta` tliet snin prigunerija inflitti lir-rikorrent. Il-konfiska li saret abbazi tal-Art 23C(3) saret indipendentement minn dak li gara fl-Italja ghaliex l-qorti Maltija kienet sodisfatta li kienu jezistu l-elementi kollha msemmija fid-disposizzjoni, u cioe` : i) illi r-rikorrent kien mixli b`reat li seta` jaghti lok, direttament jew indirettament, ghal beneficcju ekonomiku ; ii) illi l-proceduri kriminali ma setghux jitkomplew Malta ghaliex ir-rikorrent harab minn Malta ; u iii) illi l-qorti abbazi tal-fatti li kellha quddiemha kienet konvinta bis-shih li l-proceduri setghu wasslu ghall-kundanna tal-persuna mixlija jew akkuzata. Ghalhekk ma jistax ikun hemm ksur tal-Art 39(9) tal-Kostituzzjoni u tal-Art 7 Prot 7 tal-Konvenzjoni.

Dwar l-osservazzjoni tar-rikorrent illi l-Art 23C(3) tal-Kap 9 ma setax ikun applikat fil-konfront tieghu ghaliex id-disposizzjoni dahlet fis-sehh fl-2015, l-Avukat Generali li kwistjoni bhal dik kellha tkun mistharrga mill-qorti ordinarja mhux minn din il-Qorti. Ma jirrizultax li r-rikorrent qajjem dan il-punt quddiem il-qorti istruttorja, u ghalhekk issa ma jistax jinqeda bil-procediment odjern, ghaliex il-qorti ordinarja zbaljat fil-provvediment taghha. Mhijiex il-kunzjoni ta` din il-Qorti li ssewwi "zbalji" li jsiru mill-qrati ordinarji. Il-kompitu ta` din il-Qorti huwa l-accertament ta` ksur o meno ta` jedd fondamentali (ara : **Valfracht Maritime Co. Ltd vs Avukat Generali et** : Qorti Kostituzzjonali : 22 ta` Novembru 2006 ; **Nicholas Richard Debono vs Malta** : ECtHR : 10 ta` Gunju 2004 ; u **St. Paul`s Court Limited vs L-Onorevoli Prim Ministru et** : Qorti Kostituzzjonali : 20 ta` Dicembru 2000).

Jiccita minn pag 243 ta` Jacobs, White & Ovey : "**The European Convention on Human Rights**" fejn jinghad :–

*"The Court`s task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant`s trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the*

*judgement, as the case may be. The Court calls this principle the `fourth instance` doctrine, because it is not to be seen as a third of fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6."*

Fil-kaz tal-lum, kull ma sar min-naha tal-Avukat Generali kienet talba ghall-konfiska skont l-Art 23C(3) tal-Kodici Kriminali. Bhal kull talba ohra, setghet tkun milqugha jew michuda. Fil-kaz odjern, il-qorti laqghet it-talba.

Dwar l-ilment tar-rikorrent skont l-Art 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Art 7 tal-Konvenzjoni, L-Avukat Generali josserva illi d-disposizzjonijiet citati mir-rikorrent ghandhom jigu applikati biss fil-kazi fejn ikun hemm sejbien ta` htija u l-piena applikabbli. Ma jikkontestax li ordni ta` konfiska kien interpretat bhala "piena" abbazi tal-Konvenzjoni, izda meta l-oggetti in kwistjoni jinqabdu, ikunu diga` soggetti ghal konfiska fil-kaz ta` sejbien ta` htija anke fiz-zmien meta r-rikorrent ikkommetta r-reati fl-2013. Ghalhekk mhuwiex il-kaz li r-rikorrent ma kienx jaf li jekk jinstab hati, il-qorti setghet timponi ordni ta` konfiska.

Dwar l-ilment tar-rikorrent dwar allegat ksur tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tieghu, l-Avukat Generali josserva li jkun hemm vjolazzjoni ta` dawn id-disposizzjonijiet meta : i) ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali ; ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat fis-smigh tal-kawza ; iii) meta s-smigh isir fl-assenza tal-parti ; iv) meta ma jkunx hemm *equality of arms* bejn il-partijiet ; v) meta ssehh vjolazzjoni ta` d-dritt *audi alteram partem* ; vi) meta tinghata s-sentenza minghajr ma tkun motivata ; u vii) meta parti tkun ipprivata minn assistenza legali. L-ebda wahda minn dawn c-cirkostanzi ma sehhetx fil-kaz in ezami. Ghalhekk ma tirrizultax lezjoni tal-jedd tar-rikorrent ghal smigh xieraq.

Dwar l-ilment tar-rikorrent dwar allegat ksur tal-jedd tieghu hekk kif imhares bl-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni, l-Avukat Generali josserva illi d-dritt ghat-tgawdija pacifika mill-persuna tal-possedimenti taghha mhuwiex assolut. Ir-restrizzjonijiet huma ndikati fid-disposizzjoni stess. Beni jistghu jigu konfiskati jekk ikun hemm sentenza jew ordni ta` qorti.

Fis-sentenza li nghatat mill-Grand Chamber tal-ECtHR fid-19 ta` Gunju 2006 fil-kaz ta` **Hutten-Czapska vs Poland**, kienu ndikati t-tliet rekwiziti fejn kienet permessa l-interferenza tal-Istat :-

i) li l-mizura mehuda mill-Istat tkun saret f`qafas legali.
ii) li l-iskop tal-mizura jkun wiehed legittimu.
iii) li l-mizura li tittiehed tkun zammet bilanc gust u proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-persuna.

Riferibbilment ghall-ewwel rekwizit, l-Avukat Generali jghid illi dan jissussisti ghaliex kienet applikata disposizzjoni tal-ligi.

Dwar t-tieni element, isostni li kien ippruvat illi l-Istat adottat l-mizura li kienet applikata mill-qorti sabiex jiggieled il-hasil tal-flus, u t-traffikar tad-droga. Ghalhekk jissussisti wkoll.

Rigward t-tielet element, l-intimat jaghmel l-argument illi stante li l-mizura tal-konfiska hija mportanti fil-glieda kontra l-kriminalita` u stante li mizura ta` dik ix-xorta hija essenzjali fl-interess tas-socjeta`, m`ghandux ikun hemm dubju li l-ordni ta` konfiska huwa proporzjonat. Anke l-piena ghandha wkoll bhala fini taghha d-deterrent.

In konkluzjoni, l-Avukat Generali jghid li r-rikorrent ma garrab ebda lezjoni ta` jeddijiet protti bil-Kostitruzzjoni jew bil-Konvenzjoni.

## 3. Fatti

Ghall-fini ta` l-accertament tal-allegati vjolazzjonijiet tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni subiti mir-rikorrent noe, il-Qorti sejra tirreferi ghall-kronologija tal-fatti, kif temergi mill-provi, inkluz mill-atti tal-procediment kriminali :–

i) Fl-20 ta` Dicembru 2013, Davide Sapienza kien akkuzat b`vari reati a termini tal-Artikolu 8(e) u (d) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi. Saret talba ghas-sekwestru tal-flejjes u tal-proprjeta` kollha mobbli u mmobbli tal-akkuzat u ai termini tal-Art. 22A tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi u 23A tal-Kodici Kriminali.

ii) Fis-27 ta` Dicembru 2013, il-Qorti ordnat l-iffrizar tal-assi mobbli u mmobbli appartenenti lill-imputat u ordnat li jithejja elenku tal-assi kollha tieghu.

iii) Minn dikjarazzjoni a fol 15 tal-process jirrizulta li l-imputat irrifjuta li jkollu assistenza legali.

iv) Fis-27 ta` Dicembru 2013, l-imputat pprezenta rikors fejn talab il-helsien mill-arrest, liema talba kienet michuda fil-31 ta` Dicembru 2013.

v) Fil-31 ta` Dicembru 2014, saret talba ohra ghall-helsien mill-arrest. It-talba kienet milqugha.

vi) Fis-7 ta` Marzu 2014, l-imputat ipprezenta rikors fejn talab ir-rilaxx tal-vetturi li kienu esebiti bhala prova mill-prosekuzzjoni. It-talba kienet respinta fl-14 ta` Marzu 2014.

vii) Fil-11 ta` Marzu 2014, sar rikors minn certu Edimar Kleiton Dos Santos Silva, fejn wara li ddikjara li l-flus li kienu elevanti kienu jappartjenu lilu, talab ir-rilaxx taghhom favur tieghu. It-talba kienet respinta fl-14 ta` Marzu 2014.

viii) Fil-10 ta` April 2014, l-imputat ipprezenta rikors fejn talab permess sabiex issiefer mit-28 ta` April 2014 sat-12 ta` Mejju 2014. B`digriet tal-15 ta` April 2014, it-talba kienet milqugha.

ix) Waqt s-seduta tat-13 ta` Mejju 2014, l-avukat tal-imputat ipprezentat dokument li juri li Davide Sapienza kien ghamel talba sabiex jigi pprocessat fl-Italja u abbazi tal-Art 9 tal-Legge Penale Taljana li jirrigwarda Delitto Comune del Cittadino all`Estero.

x) B`digriet tal-14 ta` Mejju 2014, il-Qorti tal-Magistrati ordnat l-arrest mill-gdid tal-imputat.

xi) Fis-seduta tad-29 ta` Mejju 2014, il-prosekuzzjoniipprezentat r-rikors b`talba ghall-hrug ta` European Arrest Warrant kontra l-imputat.

xii) Fis-6 ta` Novembru 2014, ir-Registratur tal-Qorti pprezenta rikors fejn, wara li ddikjara li meta nfethet il-borza siggillata fejn kien hemm il-flus minflok sebat elef tlett mija u tletin euro (€7,330) instabu sitt elef tmien mija u tmenin euro (€6,880) talab lill-Qorti sabiex dan l-ammont jigi ddepozitat b`cedola ta` depozitu taht l-Awtorita` tal-Qorti.

xiii) Fis-seduta tal-4 ta` Frar 2015, il-prosekuzzjoni pprezentat Dok GM1, li kienet komunikazzjoni mill-Italja, fejn kienet infurmata li l-Qorti ta` l-Appell ta` Catania rrifjutat li Davide Sapienza jigi estraditt lejn Malta, stante li kienu bdew proceduri kriminali kontra tieghu fl-Italja dwar l-istess reati. Kien esebit il-pronunzjament tal-Qorti ta` l-Appell ta` Catania.

xiii) Fl-14 ta` Settembru 2018, l-imputat ipprezenta rikors fejn talab sabiex il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tirrikonoxxi s-sentenza li nghatat mit-Tribunale di Roma fit-22 ta` Mejju 2018 billi tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-proceduri u billi tiddikjara estinta l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, abbazi tal-principju *ne bis in idem*.

xiv) Skont is-sentenza tat-Tribunale di Roma, Davide Sapienza kien kundannat ghal tliet snin prigunerija u ghal multa ta` erbatax-il elf euro (€14,000).

xv) B`digriet tal-20 ta` Settembru 2018, il-Qorti tal-Magistrati laqghet it-talbiet tal-imputat kif dedotti fir-rikors tal-14 ta` Settembru 2018.

xvi) Fl-24 ta` Ottobru 2018, Davide Sapienza pprezenta rikors fejn talab lill-Qorti tal-Magistrati sabiex ikun awtorizzat jirtira l-ammont ta` €7,330 fi flus, il-vettura Citroen Saxo, il-vettura Ferrari 360, il-mobiles u l-laptops li kienu gew elevati mill-

pussess tieghu u esebiti l-qorti.  L-Avukat Generali mhux biss oppona t-talba, izda talab il-konfiska taghhom.

xvii) B`digriet tal-5 ta` Novembru 2018, il-Qorti tal-Magistrati cahdet t-talba ta` Davide Sapienza u laqghet it-talba tal-Avukat Generali ghall-konfiska.

## 4. <u>L-ewwel eccezzjoni</u>

Kienet eccepit li r-rikorrent noe kellu jgib il-prova tat-titolu tieghu ghall-oggetti kollha li kienu konfiskati.

A fol 20 tal-atti tal-procediment kriminali, kien esebit dokument intestat : "*Dichiarazione sostitutiva di atto di Notorieta*" fejn ir-rikorrent ddikjara li huwa s-sid ta` li gej :-

i) vettura Citroen Saxo : numru ta` registrazzjoni AG 254 BE
ii) vettura Ferrari 360 : numru ta` registrazzjoni BG 247 NG ;
iii) tliet mobile phones iPhone 4 ;
iv) mobile phone Samsung S3 ;
v) zewg mobile phones Samsung SG 3005,

Kien dikjarat ukoll min-naha tal-mandant tar-rikorrent illi l-flus fl-ammont ta` €7,330 li kienu gew sekwestrati mill-awtoritajiet Maltin kienu jappartjenu lil  Edimar Kleiton Dos Santo Silva.

Kien dikjarat ukoll min-naha tar-rikorrent noe illi ladarba t-talba ta` Dos Santo Silva ghar-rilaxx favur ta` Davide Sapienza ta` dawk il-flus kienet respinta, huwa kien espost fil-konfront tal-istess Dos Santo Silva ghall-hlas ta` dawk il-flus.

Mill-atti processwali (fol 232), jirrizulta illi meta Davide Sapienza talab ir-rilaxx ta` l-oggetti konfiskati huwa pprezenta mar-rikors :

- *certificato di proprieta`* tal-karrozza Citroen ;
- *certificato di proprieta`* tal-karrozza Ferrari.

Minn fol 242 sa fol 245, jidhru d-dokumenti li juru li l-Ferrari kienet tappartjeni lir-rikorrent.

Tqis illi dawn id-dokumenti huma bizzejjed sabiex tkun sodisfatta l-livell ta` prova li jrid jikseb ir-rikorrent fi procediment ta` x-xorta tal-lum.

Tqis ukoll illi ghar-rigward tal-*mobile phones* id-dikjarazzjoni a fol 20 - li hija debitament certifikata u awtentikata - hija bizzejjed sabiex tissodisfa l-prova rikjesta mill-intimat.

Ma jistax jinghad l-istess fil-kaz tal-*laptop* tal-marka Toshiba billi ghalkemm kien elevat mill-Pulizija mill-pussess ta` Sapienza, dak il-*laptop* mhuwiex inkluz fid-dokument a fol 20.

Lanqas ma tirrizulta prova sodisfacjenti dwar is-€7,330.

Fl-ewwel lok ghaliex Sapienza jiddikjara li l-flus ma kinux tieghu.

Fit-tieni lok ma tirrizultax l-ahjar prova jew imqar xi prova oggettiva jew miktuba li Sapienza huwa attwalment debitur ta` Dos Santo Silva minhabba li flus li allegatament jappartjenu lil dan tal-ahhar inqabdu mill-pussess ta` Sapienza.

Fit-tielet lok ghaliex talba ghar-rilaxx tal-flus li saret mill-istess Dos Santo Silva kienet respinta mill-qorti ordinarja.

**Ghalhekk qed tilqa` l-ewwel eccezzjoni limitatament safejn tirrigwarda l-flus kontanti u l-*laptop* tal-marka Toshiba.**

**Qeghda tichad l-eccezzjoni ghall-bqija tal-oggetti mobbli li kienu sekwestrati l-ewwel u konfiskati wara.**

**5. <u>It-tieni eccezzjoni</u>**

L-Avukat Generali jeccepixxi li din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha billi r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji li kellu ghad-disposizzjoni tieghu wara li kienet ordnata l-konfiska tal-oggetti in kwistjoni.

L-intimat imur ghall-ispecifiku billi jghid illi r-rikorrent kellu zewg rimedji. L-ewwel rimedju kien il-procedura kontemplata bl-Art 22C tal-Kap 101. It-tieni rimedju kien l-appell mill-provvediment tal-Qorti tal-Magistrati.

Dwar l-ewwel rimedju, l-Avukat Generali jghid illi ladarba l-ordni ta` sekwestru u ta` konfiska hargu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, u ladarba r-rikorrent instab hati, anke jekk fl-Italja, huwa seta` juzufruwixxi ruhu mill-procedura stabbilita fl-Art 22C tal-Kap 101. Ghal dan, ir-rikorrent iwiegeb billi jikkontendi illi l-Art 22C jaghti rimedju meta l-konfiska tkun saret ai termini tal-Artikolu 22(3A)(d), mhux kif inhuwa l-kaz tal-lum, billi l-konfiska saret ai termini tal-Art 23C(3) tal-Kap 9.

Id-disposizzjonijiet citati mill-partijiet ghall-fini tal-eccezzjoni kienu dawn :-

L-**<u>Art 22C tal-Kap 101</u>** :-

*(1) Meta jkun sar ordni ta` konfiska taht l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kap 101, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f`dak il-paragrafu, tista` tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta` xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn qorti tal-gustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta` xi profitti jew dhul bhal dawk.*

*(2) Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b`rikors fil-Prim`Awla tal-Qorti Civili mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data li fiha s-sentenza li tordna l-konfiska tkun saret finali u konkluziva.*

L-**<u>Art 22(3A)(d) tal-Kap 101</u>** :-

*Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet hatja ikun xi wiehed mir-reati msemmija fl-artikolu 24 A(1) il-qorti ghandha, b`zieda ma` kull piena ohra, fis-sentenza taghha jew f`kull zmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni –*

*…*

*tordna l-konfiska favur il-Gvern ta` kull flejjes jew proprjetà mobbli ohra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qeghdin f`xi post barra minn Malta.*

**<u>L-Art 23C(3) tal-Kap 9</u>** :-

*Meta persuna tigi mixlija jew akkuzata b`reat rilevanti li jista` jaghti lok, direttament jew indirettament, ghal beneficcju ekonomiku, u l-proceduri ma jkunux jistghu jkomplu minhabba mard jew minhabba li l-istess persuna tkun harbet, u l-qorti fuq bazi ta` fatti specifici tkun konvinta bis-shih li dawn il-proceduri setghu wasslu ghall-kundanna tal-persuna mixlija jew akkuzata jekk il-persuna tkun dehret quddiem il-qorti jew ghaddiet guri, il-qorti tista` tordna l-konfiska tal-istrumentalitajiet u r-rikavat tal-imsemmi reat :*

*Ghall-finijiet ta` dan is-subartikolu "mard" tfisser meta l-persuna mixlija jew akkuzata ma tkunx tista` tattendi l-proceduri kriminali ghall-perijodu estiz, li bhala rizultat il-proceduri ma jkunux jistghu jkomplu taht cirkostanzi normali.*

Premessi dawn id-disposizzjonijiet, jirrizulta li b`sentenza li nghatat l-Italja, ir-rikorrent intab hati u kien ikkundannat ghar-reati u dwar l-istess fatti li kien akkuzat bihom quddiem il-qorti ta` gustizzja kriminali. Wara li l-gudizzju fl-Italja sar definittiv, ma kienx hemm sentenza ohra mill-qorti Maltija dwar l-istess fatti u dwar l-istess reati. Li jirrizulta li kien hemm in segwitu kien provvediment moghti mill-Qorti tal-Magistrati fl-20 ta` Settembru 2018, fejn il-qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz u fejn kienet dikjarata estinta l-azzjoni kriminali kontra r-rikorrent. Mir-risposta li pprezenta l-Avukat Generali fid-29 ta` Ottubru 2018, fejn talab il-konfiska in kwistjoni, jidher illi t-

talba kienet imsejsa fuq l-Art 23C(3) tal-Kap 9 mhux fuq l-Art 22(3A)(d) tal-Kap 101.

Ghalhekk l-ewwel rimedju ndikat mill-intimat ma kienx disponibbli ghar-rikorrent.

Dwar it-tieni rimedju ndikat mill-intimat, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta\` Settembru 1923 fil-kawza "**La Polizia vs Lorenzo Bonello**" fejn inghad hekk :-

*"Attesocche fino al 1888 non si riconosceva il diritto di appellare dalle decisioni criminali delle Corti Inferiori eccettuati i casi preveduti dall\`articolo 235, in oggi soppresso, delle Leggi di Polizia vigenti a quel tempo ; un appello fu\` finalmente, in omaggio ai principi liberali di Diritto Penale, concesso la prima volta in virtu\` dell Ordinanza No. XV del 1888, ma esso venne limitato a casi di decisioni delle Corti suddette, sedenti come Corte di Criminale Giudicatura, e per certi aggravi determinati solamente ; ne per le emende ed i miglioramenti apportati col tempo a tale legge, per quanto fosse stato esteso il diritto di appellare, si accordo mai un appello dalle decisioni di dette Corti sedenti come Corte di Criminale Istruzione, e lo dimostra la intestatura del Capitolo III Titolo II Parte II Libro I della Leggi Criminali, che tuttora tratta unicamente degli appelli dalle sentenze della Corte della Polizia Giudiziaria come Corte di Criminale Giudicatura"*

Tajjeb jinghad illi minn dak iz-zmien tas-sentenza appena citata sal-lum, l-intestatura tas-Subtitolu III tal-Kap 9 baqghet l-istess fis-sens li baqghet tirreferi ghal sentenzi moghtija mill-*Qorti tal-Magistrati* (gia\` Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) *bhala Qorti ta\` Gudikatura Kriminali.*

Fil-kaz tal-lum il-provvediment in kwistjoni nghata mill-Qorti tal-Magistrati bhala **Qorti Istruttorja**. Minn dak il-provvediment ma hemmx appell.

**Billi mhuwiex ippruvat li r-rikorrent noe kellu ghad-disposizzjoni tieghu rimedji ordinarji bhala alternattiva ghall-procediment odjern, din il-Qorti mhijiex sejra tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha hekk kif stabbiliti mil-ligi u ghalhekk qeghda tichad it-tieni eccezzjoni.**

**6. <u>L-ewwel talba</u>**

**Davide Sapienza qed jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti li l-provvediment tal-5 ta` Novembru 2018 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja jikser il-jeddijiet tieghu hekk kif tutelati bl-Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni u l-Art 39(9) tal-Kostituzzjoni.**

L-**<u>Art 4 Prot 7 tal-Konvenzjoni</u>** jghid :-

*1. Hadd ma jista` jkun ipprocessat jew jerga` jigi kkastigat ghal darb`ohra fi proċedimenti kriminali taht il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diġa` ġie finalment liberat jew misjub hati skont il-liġi u l-proċedura penali ta` dak l-Istat.*

*2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma ghandhomx iżommu milli l-każ jerġa` jinfetah skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat inkwistjoni, jekk ikun hemm provi ta` xi fatti ġodda jew li jkunu ghadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun hemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta` qabel, li jista` jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ.*

*3. Ebda deroga minn dan l-artikolu ma ghandha ssir taht l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni.*

**<u>L-Art 39(9) tal-Kostituzzjoni</u>** jghid :

*Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga` tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghat tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat hlief wara ordni ta` qorti superjuri moghti matul il-kors ta` appell jew proceduri ta` revizjoni dwar id-dikjarazzjoni ta` htija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma ghandha tghaddi proceduri ghal reat kriminali jekk turi li tkun hadet il-mahfra ghal dak ir-reat.*

Ir-rikorrent noe jikkontendi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ma setghetx taghti l-provvediment tal-5 ta` Novembru 2018, billi l-kaz kriminali tieghu dwar l-istess fatti u dwar l-istess reati kien finalment deciz l-Italja fit-22 ta` Mejju 2018. Ghalhekk garrab ksur tal-jeddijiet fondamentali tieghu hekk kif imharsa b`dawk id-disposizzjonijiet.

Fil-kaz ta` **Sergey Zolotukhin v Russia** li kien deciz fl-10 ta` Frar 2009 mill-Grand Chamber tal-ECtHR inghad :-

*107. The Court reiterates that the aim of Article 4 of Protocol No. 7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision. According to the Explanatory Report to Protocol No. 7, which itself refers back to the European Convention on the International Validity of Criminal Judgments, a "decision is final if, according to the traditional expression, it has acquired the force of res judicata. This is the case when it is irrevocable, that is to say when no further ordinary remedies are available or when the parties have exhausted such remedies or have permitted the time-limit to expire without availing themselves of them.*

Fil-Criminal Law Notes, il-**Professur Sir Anthony Mamo** jghid illi l-azzjoni kriminali tigi fi tmiemha meta jkun hemm :

i) *mors* tal-akkuzat ;
ii) remission ;
iii) *indulgentia principis* ; u
iv) *praescriptio*.

Ighid ukoll li ma` dawn numru ta` awturi ziedu ir-*res judicata*.

**Professur Mamo** ighid hekk :-

*By saying that res judicata extinguishes the criminal action we mean precisely that, for the same fact, in respect of which proceedings*

*have already been taken and a final judgment given, sentencing or acquitting the defendant, it is not lawful to exercise the action a second time. This constitutes what is known as the "auctoritas" of the res judicata and is also expressed by the maxim "ne bis in idem".*

L-**<u>Art 527 tal-Kap 9</u>** ighid illi : "*wara sentenza li f`kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra."*

Dwar din id-disposizzjoni, **<u>Professur Mamo</u>** jirrimarka :

*"Because the law mentions only the case of a previous acquittal, it must not of course, be thought that the same principle does not apply in the case of a previous `conviction`. The principle of non bis in idem applies in both cases … the plea in English law takes the name of … "autrefois convict".*

**<u>Professur Mamo</u>** jghid illi sabiex sentenza titqies bhala *res judicata* fil-konfront ta` procedimenti ohra, huwa necessarju li din tkun inghatat minn qorti jew tribunal kriminali kompetenti. Persuni li huma soggetti ghall-azzjoni kriminali quddiem il-qrati taghna skont l-Art 5 tal-Kap 9 ma jistghux jergghu jigu processati f`dawn il-Gzejjer, jekk diga` ghadda gudizzju definittiv f`pajjiz iehor dwar l-istess fatti.

Fil-kaz odjern, ir-rikorrent kien processat l-Italja dwar reati kommessi Malta. Tal-akkuzi li bihom kien akkuzat instab hati u kien ikkundannat mit-Tribunale di Roma. Is-sentenza saret *res judicata*. Ghax hekk kien il-kaz il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fl-20 ta` Settembru 2008 tat provvediment fejn iddikjarat estinta l-azzjoni kontra r-rikorrent li kienet ghadha pendenti quddiemha.

Skont l-**<u>Art 23(1) tal-Kap 9</u>** :-

*Il-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta` kull ma jkun gie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-ligi ghad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-ligi, barra minn meta persuna, li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti.*

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li fil-procediment fl-Italja, wara li nstabet il-htija ta` Davide Sapienza tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, kien ikkundannat ghal piena ta` prigunerija u ghal piena ta` multa pero` ma kenitx ordnata l-konfiska tal-mobbli li kienu esebiti bhala *corpus delicti* fil-procediment Malti.

**Din il-Qorti tghid illi meta l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ordnat l-estinzjoni tal-azzjoni kriminali kontra Davide Sapienza minhabba li s-sentenza tat-Tribunale di Roma kienet ghaddiet in gudikat, dik il-Qorti kellha tieqaf hemm. Kienet prekluza milli, wara talba mill-intimat, tinfliggi piena ohra anke hi, distinta minn dik moghtija l-Italja. Tghid dan ghaliex ordni tal-konfiska tikkostitwixxi piena.**

**Din il-Qorti ma taccettax bhala sostenibbli l-argument li l-procediment kontra ir-rikorrent kien wiehed li beda Malta u ntemm l-Italja u allura l-konfiska kienet permessa. Tghid dan ghaliex ladarba l-iter gudizzjarju fl-Italja ntemm definittivament bis-sentenza tat-Tribunale di Roma, il-kompitu tal-qorti Maltija waqaf hemm u kienet tkun *in order* li kieku ddikjarat ezawrit il-procediment li kellha quddiemha. Lil hinn minn hekk kull provvediment iehor taghha li kien imur oltre dak deciz fl-Italja specjalment l-ghoti ta` piena mhux biss ma kienx legalment permess izda gab mieghu ksur tal-jeddijiet fondamentali ta` Davide Sapienza.**

**Tkun riduttiva fl-apprezzament taghha din il-Qorti li kieku kellu jigi accettat dak li qed jinghad mill-intimat illi mhuwiex ir-rwol taghha li tirrimedja ghal *zball* li jkun kommess minn qorti ordinarja. Kienx *zball* jew le dak li sar mill-qorti ordinarja mhuwiex kompitu taghha li tghid iva jew le tenut kont tal-kompetenza taghha. Li certament huwa attinenti ghall-gurisdizzjoni taghha huwa l-fatt li, accertat li r-rikorrent ma kellux rimedji ordinarji fejn jirrikorri, u accertat li l-provvediment tal-qorti ordinarja kien se jippriva lir-rikorrent minn dak li kien accertat bhala li jappartjeni lilu, allura legittimu u legali huwa l-jedd taghha li taccerta jekk il-lanjanzi tar-rikorrent iwasslux ghal ksur tal-jeddijiet fondamentali tieghu. Fil-kaz ta` din il-lanjanza, tirrizulta l-lezjoni.**

**Ghal din il-Qorti l-ewwel talba tirrizulta ppruvata. Ghalhekk qeghda tkun milqugha.**

## 7. **It-tieni talba**

**Davide Sapienza qed jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti li l-provvediment fuq riferit tal-5 ta` Novembru 2018 jikser il-jeddijiet tieghu hekk kif tutelati bl-Art 7 tal-Konvenzjoni u bl-Art 39(8) tal-Kostituzzjoni.**

L-**Art 7 tal-Konvenzjoni** jghid :-

*1 Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta` reat kriminali minhabba f`xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkunu saru. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*

*2 Dan l-Artikolu ma ghandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena ta` xi persuna ghal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkunu saru, kienu kriminali skont il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati."*

L-**Art 39(8) tal-Kostituzzjoni** jghid :-

*Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta` reat kriminali minhabba f`xi att jew omissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda peina ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tku aktar severa fi grad jew xorta mill-oghla liena li seghet tigi imposta ghal dak r-reat fiz-zmien met jkun gie maghmul.*

Ir-rikorrent jilmenta illi meta l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja laqghet it-talba tal-Avukat Generali ghall-konfiska skont l-Art 23C(3) tal-Kap 9 kien hemm lezjoni tal-jeddijiet fondamentali tieghu ghaliex dik id-disposizzjoni kienet introdotta bl-Att VIII tal-2015 meta r-reati in kwistjoni kienu sehhew fl-2013.

Din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza li tat l-ECtHR fit-28 ta` Awissu 2018 fil-kaz ta` **Seychell vs Malta.**

Fid-decizjoni nghad hekk :-

### *(a) General principles*

*41. The guarantee enshrined in Article 7 should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment. Article 7 § 1 of the Convention sets forth the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen, nulla poena sine lege). It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. This requirement is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts` interpretation of it and after taking appropriate legal advice, what acts and omissions will make him criminally liable (see Rohlena v. the Czech Republic [GC], no. 59552/08, § 50, ECHR 2015, and the cases cited therein).*

*42. When speaking of "law" Article 7 alludes to the very same concept as that to which the Convention refers elsewhere when using that term, a concept which comprises statute law as well as case-law and implies qualitative requirements, including those of accessibility and foreseeability. These qualitative requirements must be satisfied as regards both the definition of an offence and the penalty the offence in question carries (ibid.).*

*43. It is a logical consequence of the principle that laws must be of general application that the wording of statutes is not always precise. One of the standard techniques of regulation by rules is to use general categorisations as opposed to exhaustive lists. Accordingly, many laws are inevitably couched in terms which, to a greater or lesser extent, are vague and whose interpretation and application are questions of practice. Consequently, in any system of law, however clearly drafted a legal provision may be, including a criminal law provision, there is an inevitable element of judicial interpretation. There will always be a need for elucidation of doubtful points and for adaptation to changing circumstances. Again, whilst certainty is highly desirable, it may bring in its train excessive rigidity and the law must be able to keep pace with changing circumstances ibid.).*

*44. The role of adjudication vested in the courts is precisely to dissipate such interpretational doubts as remain. The progressive development of the criminal law through judicial law-making is a well-entrenched and necessary part of legal tradition in the Convention States. Article 7 of the Convention cannot be read as outlawing the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case, provided that the resultant*

*development is consistent with the essence of the offence and could reasonably be foreseen (ibid.).*

Jirrizulta li l-Art 23C(3) tal-Kap 9 kien introdott fil-Kodici Kriminali bl-Att VIII tal-2015.

Il-Qorti rat l-Att VIII tal-2015.

L-**<u>Art 3 ta`l-Att VIII tal-2015</u>** ighid :-

*L-artikolu 23C tal-Kodici ghandu jigi emendat kif gej:*

*(a) fis-subartikolu (1) tieghu, il-kliem "l-qorti, wara li tinforma ruhha minn fatti specifici, tkun ghal kollox konvinta li l-proprjetà in kwistjoni tkun inkisbet mill-attività kriminali ta` dik il-persuna," ghandhom jigu sostitwiti bil-kliem "l-qorti tista` ragonevolment tipprezumi li jkun sostanzjalment aktar probabbli, li l-proprjetà inkwistjoni tkun inkisbet mill-attività kriminali ta` dik il-persuna u mhux minn attivitajiet ohra," ;*

*(b) is-subartikolu (3) tieghu ghandu jigi enumerat mill-gdid bhala s-subartikolu (6) u minnufih wara s-subartikolu (2) ghandhom jizdiedu s-subartikoli godda li gejjin :*

*(3) Meta persuna tigi mixlija jew akkuzata b`reat rilevanti li jista` jaghti lok, direttament jew indirettament, ghal beneficcju ekonomiku, u l-proceduri ma jkunux jistghu jkomplu minhabba mard jew minhabba li l-istess persuna tkun harbet, u l-qorti fuq bazi ta` fatti specifici tkun konvinta bis-shih li dawn il-proceduri setghu wasslu ghall-kundanna tal-persuna mixlija jew akkuzata jekk il-persuna tkun dehret quddiem il-qorti jew ghaddiet guri, il-qorti tista` tordna l-konfiska tal-istrumentalitajiet u r-rikavat tal-imsemmi reat:*

L-**<u>Art 1(2) ta` l-istess Att</u>** ighid :-

*"Id-dispozizzjonijiet ta` dan l-Att ghandhom japplikaw ghal kull proceduri kriminali li jkunu bdew wara li dan jigi fis-sehh u ma ghandhom bl-ebda mod jaffettwaw il-validità ta` kwalunkwe proceduri legali li jkunu gew konkluzi jew li jkunu ghadhom pendenti fiz-zmien tad-dhul fis-sehh tieghu"*

Jirrizulta li Davide Sapienza tressaq il-qorti fit-18 ta` Dicembru 2013 bi ksur tal-Art 8(d) u 8 (e) tal-Kapitolu 101. Saret talba ghall-iffirzar tal-assi mobbli u immobbli tieghu, li kienet milqugha.

L-**<u>Art 8 tal-Kap 101</u>** ighid :-

*Ikun hati ta` reat kontra din l-Ordinanza kull min -*

*(a) ikollu fil-pussess tieghu (hlief fil-kors ta` transit minn Malta jew mill-ibhra territorjali taghha), ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijietli jkollhom bhala bazi din ir-raza; jew*

*(b) jipproduci, ibigh jew xort`ohra jittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f`xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza; jew*

*(c) jikkoltiva l-pjanta Cannabis; jew*

*(d) ikollu fil-pussess tieghu (hlief fil-kors ta` transit minn Malta jew mill-ibhra territorjali taghha) il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha (minbarra l-preparazzjonijiet medicinali taghha); jew*
*(e) ibigh jew xort`ohra jittraffika fil-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha (minbarra l-preparazzjonijiet medicinali taghha).*

Jirrizulta li meta r-rikorrent tressaq akkuzat, l-Art 22 tal-Kap 101 kien jipprovdi bhala piena massima quddiem il-Qorti Kriminali ta` prigunerija minn bejn erbgha (4) snin u l-ghomor, jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati, prigunerija bejn sitt (6) xhur u ghaxar (10) snin.

**L-Art 23(c) tal-Kodici Kriminali li abbazi tieghu l-Avukat Generali ghamel it-talba ghall-konfiska kontra r-rikorrent ma kienx ghadu jezisti meta bdew il-proceduri kriminali.**

Ghalhekk anke fil-kuntest ta` din il-lanjanza partikolari, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja spiccat infliggiet *piena*

akbar minn dik li setghet tkun applikata fiz-zmien meta kienu kommessi r-reati.

**Anke din it-tieni talba tirrizulta ppruvata. Ghalhekk it-talba qeghda tkun milqugha.**

**8. <u>It-tielet talba</u>**

**Ir-rikorrent noe qed jitlob dikjarazzjoni li l-provvediment in kwistjoni jikser il-jeddijiet tieghu hekk kif tutelati bl-Art 6 tal-Konvenzjoni u bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni.**

Din il-Qorti taghsar il-lanjanza tar-rikorrent billi tghid li r-rikorrent qieghed isostni li bil-provvediment tal-5 ta` Novembru 2018, kien prekluz milli jintavola kawza ai termini tal-Art 22C tal-Kap 101 sabiex juri l-provenjenza lecita tal-oggetti u jirriprendi l-pussess taghhom. Sostna hekk ghaliex procediment ta` dik ix-xorta jista` jigi promoss biss : jew i) mill-persuna misjuba hatja jew ii) mit-terza persuna msemmija fil-artikolu 22(3A)(d) tal-Ordinanza.

Il-Qorti terga` tirreferi ghall-**<u>Art 22C</u>** u ghall-Art 22(3A)(d) tal-Kap 101 (*supra*).

Ezaminati z-zewg disposizzjonijiet anke ghall-fini ta` din il-lanjanza partikolari, din il-Qorti tghid illi l-proceduri hemm kontemplati jistghu jigu tentati mill-hati.

Aktar kmieni din il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza tat-Tribunale di Roma. Irreferiet ghar-rikors presentat wara mir-rikorrent. Irreferiet it-talba li ghamel l-Avukat Generali.

Meqjus l-assjem ghall-fini ta` din il-lanjanza, din il-Qorti tesprimi ruhha fis-sens illi Davide Sapienza ma setax juzufrwixxi mill-procedura ndikata fl-Art 22C.

Tghid li garrab lezjoni tad-dritt tieghu ghal access ghal qorti u kwindi ksur tal-jeddijiet fondamentali mertu tal-ilment.

**It-tielet talba tirrizulta ppruvata wkoll. Ghalhekk anke din it-talba qeghda tkun milqugha.**

**9. <u>Ir-raba` talba</u>**

**Davide Sapienza qed jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti li l-provvediment de quo jikser il-jeddijiet tieghu hekk kif tutelati bl-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni.**

L-**<u>Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni</u>** jghid :-

*Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija paċifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jiġi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara ghal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma ghandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta` proprjeta` skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-hlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.*

Ir-rikorrent jikkontendi li l-provvediment moghti mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fejn kienet ordnata l-konfiska, ghar-ragunijiet imfissra aktar kmieni, tikser il-jeddijiet fondamentali tieghu hekk kif tutelati bl-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta` Lulju 2019 fil-kawza **<u>Saviour Paul Portelli vs Avukat Generali et</u>** saret referenza ghall-gurisprudenza tal-ECtHR dwar din id-disposizzjoni tal-Konvenzjoni :

*Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognizes that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among other authorities,* ***James and Others v. the United Kingdom****, 21 February 1986, § 37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in* ***Sporrong and Lönnroth v. Sweden****, 23 September 1982, § 61, Series A no. 52; see also* ***Broniowski v. Poland [GC****], no. 31443/96, § 134, ECHR 2004 V).* **Hutten-Czapska v Poland).**

Tlieta huma r-rekwiziti sabiex l-interferenza tal-Istat tkun permessa :

(a) Illi l-mizura mehuda mill-Istat tkun saret taht qafas legali.
(b) Illi l-iskop tal-mizura jkun ghal ghan legittimu.
(c) Illi l-mizura tkun tipprospetta bilanc gust u proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

M`ghandux ikun dubitat illi bhala fatt l-ordni ta` konfiska per se jikkostitwixxi interferenza mill-Istat fid-dritt ta` l-persuna ghat-tgawdija tal-possedimenti taghha. Li trid tistharreg din il-Qorti huwa jekk il-konfiska, kif kienet applikata fil-kaz odjern, kenitx gustifikabbli inkella le skont it-tliet rekwiziti li rreferiet ghalihom.

Dwar l-ewwel rekwizit, tghid illi dan huwa sodisfatt ghaliex l-ordni ta` konfiska sar ai termini tal-Art 23C tal-Kap 9. Id-disposizzjoni titttratta dwar il-konfiska ta` beni miksuba minn attivita` kriminali.

Dwar it-tieni rekwizit, anke dan huwa sodisfatt, ghaliex jirrizulta li meta l-Avukat Generali talab il-konfiska huwa gab ruhu b`mod legittimu, billi sostna li l-beni in kwistjoni kienu gejjin minn attivita` kriminali.

Dwar it-tielet rekwizit, ghandu jinghad illi : *"in each case involving an alleged violation of that Article the Court must therefore ascertain whether by reason of the State`s interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden"* (**Philip Amato Gauci et vs Avukat General et**. – Qorti Kostituzzjonali – 26 ta` Mejju 2006)

Il-konsiderazzjonijiet kollha li din il-Qorti diga` ghamlet meta sabet favor il-fondatezza tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet lanjanzi tar-rikorrenti jghoddu sabiex jintwera li dan it-tielet rekwizit ma kienx applikat. Ma jistax jinghad li l-ordni ta` konfiska fic-cirkostanzi u abbazi tal-fatti tal-kaz kienet mizura li zammet bilanc gust u proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-persuna.

**Ir-raba` talba hija ppruvata u ghalhekk qeghda tkun milqugha.**

## III. Il-hames talba

Accertati l-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fondamentali ta` Davide Speranza skont kif fuq inghad, il-Qorti sejra tqis ir-rimedji l-aktar xierqa u opportuni sabiex Davide Speranza jinghata dak li haqqu ghall-vjolazzjonijiet subiti.

Qabel ma tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-provi dwar il-hames talba, tajjeb li jkun rimarkat li fil-kors ta` dan il-procediment irrizulta ppruvat li fil-pussess tal-awtoritajiet pubblici kien hemm dawn il-mobbli li rrizulta li jappartjenu lil Davide Speranza : i) vettura Citroen Saxo nru. ta` registrazzjoni AG 254 BE ; ii) vettura Ferrari 360 nru. ta` registrazzjoni BG 247 NG ; iii) tliet mobile phones iPhone 4 ; iv) mobile phone Samsung S3 ; u v) zewg mobile phones Samsung SG 3005.

Bil-provvediment tal-5 ta` Novembru 2018 moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja kienet ordnata *inter alia* l-konfiska ta` dawn l-oggetti kollha favur il-Gvern ta` Malta.

L-gharfien li kellhom il-partijiet, u anke l-Qorti, matul din il-kawza, kien illi wara l-konfiska, dawk l-oggetti kienu ghadhom il-pussess tal-awtoritajiet pubblici.

Propju wara li l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza ghall-ewwel darba, ir-rikorrent noe pprezenta rikors fejn talab lill-Qorti sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, billi sar jaf li nonostante li l-procediment kostituzzjonali kien ghadu mhux konkluz, l-awtoritajiet pubblici kienu bieghu il-vettura Ferrari 360 nru. BG 247 NG. Ghalhekk talab li jsiru provi dwar din il-kwistjoni.

Wara li r-rikors kien notifikat lill-Avukat Generali u dan ipprezenta risposta, il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u ppermettiet il-ftuh mill-gdid tal-provi dwar din il-kwistjoni.

## 1. <u>Xiehda</u>

**<u>Brian Farrugia</u>** mill-Asset Recover Bureau **(“<u>ARB</u>”)** xehed illi l-Bureau kien delegat mir-Registratur tal-Qorti sabiex jiddisponi miz-zewg vetturi mertu tal-procediment tal-lum. Minn informazzjoni li giet minghand il-Bureau fl-Italja, irrizulta li l-Ferrari kienet vettura tal-1999 u kienet registrata l-Italja. Ghad-dettalji rrefera ghal Dok ARB1 (li

pprezenta). Lill-awtoritajiet Taljani, ghamilha cara li l-vettura kienet ikkonfiskata u li huma riedu jiddisponu minnha skont il-ligi Maltija billi jbieghuha bl-irkant. Il-kompitu tal-ARB kien li jiddisponi mill-*confiscated asset* anke jekk min-naha Taljana kien qed jinghad li s-sid tal-vettura ma kienx Davide Sapienza ghaliex, skont huma, l-vettura kienet biss mikrija lil Sapienza.

Kompla jixhed illi l-ARB mexxa xorta bl-irkant f`Awissu 2019. Sar jaf li kien hemm pendenti l-kawza odjerna qabel sar il-bejgh. Cio` nonostante xorta mexxew bl-irkant, wara li ha parir, ghad li kien jaf li din il-kawza kienet ghadha pendenti.

Stqarr illi huwa ried jiehu decizjoni x`kien se jaghmel bil-Ferrari ghar-raguni li l-vettura kienet titqies bhala *a high value asset* li l-valur taghha kien niezel. Skont il-parir li kellu, huwa kellu zewg ghazliet : jew ibiegh il-vettura Malta ghal €20,000 b`dan illi l-akkwirent kellu jhallas taxxa tar-registrazzjoni fl-ammont ta` €120,000 ; inkella jibghat il-vettura barra bic-cans li jirkupra €50,000 bl-irkant. Huwa mar ghat-tieni alternattiva.

Fisser li l-Ferrari ttiehdet l-Ingilterra fejn inbieghet bl-irkant ghall-prezz ta` GBP 30,000 fil-15 ta` Awissu 2019. Minnhom kellhom jitnaqqsu l-ispejjez tal-garr, sabiex b`hekk, l-ARB spicca gabar GBP 25,522.08 (ekwivalenti ghal €28,711.98) li dahlu fil-Bank Centrali ta` Malta fis-16 ta` Settembru 2019. Bhala konferma pprezenta Dok ARB2.

Kompla fisser illi huwa mexa fuq il-valutazzjoni li kienet saret mill-motor surveyor Peter Bonnici (Dok ARB3).

Stqarr illi qabel ghazel li jipprocedi bl-irkant huwa accerta ruhu li ma kienx hemm appelli pendenti mid-digriet tal-konfiska tal-vettura de qua. Ipprezenta l-email Dok ARB4 li permezz taghha kellu d-delega sabiex ighaddi ghall-bejgh tal-Ferrari.

Xehed illi huwa ma rax id-dokumenti li pprezenta r-rikorrent noe fil-kors ta` dan il-procediment dwar it-titolu tieghu ghall-Ferrari.

Kompla jghid illi fl-Ingilterra il-bejgh tal-Ferrari sar tramite Wilsons Auctions li hija partner tal-ARB fl-Ingilterra. Fit-12 ta` Gunju 2019, il-vettura kienet trasporata lejn l-Ingilterra billi ttellghet on tow fuq carrier sal-port ta` Newport.

Qal ukoll li l-vettura l-ohra u cioe` is-Citroen Saxo ghadha ghand l-ARB ghaliex ghadha ma nbieghetx. Bhala fatt mhijiex *road worthy.* Ipprezenta d-dokumenti Dok ARB5 u ARB6. Tinsab fil-compound li qieghed Haz-Zebbug. Ippreciza li l-vettura waslet ghand l-ARB mill-compound tal-Pulizija li jinsab St. Andrews f`kondizzjoni *"mitluqa ftit"* u mhux f`kondizzjoni tajba. Dan kien fit-18 ta` Marzu 2019 kif jirrizulta minn Dok ARB5.

Ipprezenta ritratt tal-istat li kienet il-vettura meta waslet ghand l-ARB mill-compound ta` St. Andrews (Dok ARB7). Qabel ittellghet ghall-irkant, tnehhiet mit-trab li kellha fuqha u nghatat *polish* wara li nhaslet*.* Meta waslet l-Ingilterra, Wilsons Auctions tawha *polish* shih biex jitghatta grif li seta` kien hemm. Ghamlu verifika tal-magna peress illi kienet ilha zmien ma tahdem.

**<u>Natalino Agius</u>** xehed illi l-professjoni tieghu hija dik ta` *motor car surveyor* u *assessor.* Huwa kien inkarikat mir-rikorrent noe sabiex jistma l-valur ta` vettura Ferrari. Ghalkemm ma rax il-vettura, huwa kellu f`idu dokumenti dwar x`tip ta` Ferrari kellu jaghmel l-istima. Minn barra kiseb x`*extras* kellha l-vettura meta kienet ordnata. Kellu ukoll ritratti taghha waqt li kienet qeghda tinbiegh. Kellu wkoll il-kilometragg tal-vettura. Fuq it-taghrif li kellu seta` jaghmel l-istima minghajr il-htiega li jara l-vettura fisikament. Huwa hejja rapport li pprezenta bhala Dok NA1. L-istima li ghamel kienet ta` €80,000. Il-vettura kienet *left hand drive.* L-accertamenti tieghu (inkluz ritratti) jinsabu kollha fir-rapport Dok NA1 li kkonferma.

**Peter Bonnici** xehed li l-professjoni tieghu hija dik ta` *motor surveyor* ghal dawn l-ahhar 23 sena. Kien inkarikat mill-ARB sabiex jaghmel stima tal-valur ta` vettura Ferrari 3670 Modena Nru. BG247NS. Dok ARB3 huwa r-rapport li hejja wara li spezzjona l-vettura. Spezzjona l-vettura fi tliet okkazjonijiet. Qabel ghamel l-istima kkonsulta ruhu ma` esperti Maltin tal-Ferrari kif ukoll ghamel stharrig fuq websites specjalizzati. L-istima saret fl-20 ta` Mejju 2019, waqt r-rapport huwa datat 22 ta` Mejju 2019. Ikkonferma l-kontenut tar-rapport. Fisser illi huwa ndika zewg stimi ; valutazzjoni li kellha l-vettura tinbiegh Malta (€20,000) ; u ohra li kellha l-vettura tinbiegh barra minn Malta (€55,000).

Dwar il-kondizzjoni tal-vettura u l-bejgh taghha fis-suq Malti, xehed :-

*… apparti l-kundizzjoni taghha, li trid xi €3,000 jew €4,000 spejjez il-body fuq barra, plus kellha tapizzerija, bieba ggammjata, magna tistarja imma tahdem hazing hafna ghax kienet ilha wieqfa, u l-condition tat-tapizzerija generali ma kinitx tajba, allura not worth, kellha l-wear and tear, allura min ha jixtriha ha jirrestawraha. Apparti minn hekk kellha tax ta` xi €125,000 biex tirregistraha. Allura min jixtriha ha jixtriha ha jhallas €125,000 plus €20,000 u ghadu ma bediex. So locally ma kinitx taghmel sens li tinbiegh kwazi kwazi.*

Ikkonferma r-ritratti tal-vettura (Dok ARB u ARB8). Ir-ritratti ttiehdu minn haddiehor fil-prezenza tieghu.

Stqarr illi huwa l-ewwel ma ra l-Ferrari kien fil-compund tal-Pulizija go St Andrews. Imbaghad ingarret lejn Haz-Zebbug fejn tqeghdet go garage aktar nadif u tnaddfet minn kollox. Dan il-post huwa ta` ARB. Ir-ritratti juru l-istat tal-vettura meta raha l-ewwel darba. Ma kienx hemm dokumenti tal-vettura fil-vettura stess. Kienet ilha l-compound tal-Pulizija minn tlieta sa erba` snin. Il-vettura sabha mahmug ferm u mitluqa. Ma setax ighid xejn dwar il-kondizzjoni tal-vettura meta ghaddiet fil-kustodja tal-Pulizija. Hadd ma talbu jaghmel stima tal-vettura fiz-zmien meta ttiehdet minghand is-sid taghha.

Lanqas kieku ntalab ma kien ser jaghmel ezercizzju ta` dak it-tip ghaliex huwa jaghmel valutazzjoni fuq l-attwali u cioe` fuq li qed jara.

## 2. Konsiderazzjonijiet

Fil-hames talba, qieghed jintalab mill-Qorti illi taghti d-direttivi kollha li hemm bzonn, inkluz l-ghoti ta` danni materjali u mhux pekunjarji, ghall-vjolazzjonijiet li garrab Davide Speranza tal-jeddijiet konvenzjonali u kostituzzjonali tieghu.

### a) Direttivi

Ladarba kien accertat li bil-provvediment tal-5 ta` Novembru 2018 fuq riferit kienu vjolati l-jeddijiet konvenzjonali u kostituzzjonali ta` Davide Speranza kif fuq inghad, il-Qorti qeghda tordna t-thassir ta` dak il-provvediment.

Konsegwenza ta` dak it-thassir, qeghda tordna lill-intimat sabiex jaghti lura lir-rikorrent noe l-vettura Citroen Saxo nru. ta` registrazzjoni AG 254 BE, it-tliet mobile phones tal-mudell iPhone 4, il-mobile phone tal-mudell Samsung S3, u z-zewg mobile phones Samsung SG 3005.

Mhijiex sejra tordna li jinghata l-ammont ta` €7,330 u l-laptop tal-marka Toshiba li ssemmew fir-rikors promotur ghar-ragunijiet li kienu mfissra aktar kmieni.

Lanqas ma hija sejra tordna li r-rikorrent noe jinghata lura l-vettura Ferrari 360 nru. ta` registrazzjoni BG 247 NG ghaliex dan ma jistax isir, billi rrizulta ppruvat fil-mori ta` din il-kawza li l-vettura nbieghet mill-Asset Recovery Bureau fl-Ingilterra.

### b) Id-danni bhala rimedju ghall-vjolazzjonijiet

**Fil-kaz tal-lum, il-Qorti tqis li t-thassir tal-provvediment de quo tal-5 ta` Novembru 2018 wahdu mhuwiex bizzejjed sabiex**

**jaghmel tajjeb ghall-hsara li garrab Davide Sapienza konsegwenza ta` l-ksur tal-jeddijiet fondamentali li garrab.**

Huwa pacifiku li fil-kaz li qorti ssib li kien hemm vjolazzjoni ta` jeddijiet fondamentali, u jkun jidhrilha li ghandha taghti kumpens, dak il-kumpens ghandu jaghmel tajjeb ghall-vjolazzjoni accertata u m`ghandux jiehu l-ghamla ta` risarciment ta` danni civili ghal opportunita` mitlufa.

Daqstant iehor huwa pacifiku li l-ghoti ta` rimedju ghal sejbien ta` ksur ta` jedd fundamentali jrid ikun kompatibbli mal-ghamla ta` azzjoni li tahtha r-rimedju jintalab. L-ewwel u l-aqwa rimedju jixraq li jkun it-twaqqif tal-ksur jew il-prevenzjoni ta` ksur li hemm il-bizgha li jista` jsehh. Izda fejn ikun sehh ksur digà jew fejn ir-rimedju ma jistax jitwettaq billi jitregga` lura l-ghemil li jkun gab tali ksur, irid jinghata kumpens li jnehhi l-effetti tal-ksur u jaghti r-"restitutio in integrum".

Fis-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta` Lulju 2019 fil-kawza fl-ismijiet "**Lawrence Grech et vs Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika) et**" inghad hekk :-

*15. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li l-qrati ta` kompetenza Kostituzzjonali ghandhom is-setgha li jaghtu kwalunkwe rimedju li jikkonsidraw bhala adegwat biex isir ir-restitutio in integrum. Ghalhekk mhuwiex korrett li jinghad li d-danni reali rizultanti mil-lezjoni ghandhom bilfors jigu nfittxija fil-qrati ordinarji, ghax jista` jaghti l-kaz li dak ir-rimedju ma jkunx wiehed adegwat.*

**Mela anke fi procediment ta` din ix-xorta, ghal dak li jirrigwarda kumpens, il-kriterju prevalenti jibqa` dak ta` *restitutio in integrum.***

Fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati taghna, tlieta huma l-kriterji li ghandhom jitqiesu fil-konsiderazzjoni tal-ghamla tal-kumpens li ghandu jinghata : (a) is-sistema ordinarja ma taghtix rimedju xieraq (b) ikun hemm rabta kawzali bejn il-ksur tal-jedd u t-telf li ghalih jintalab kumpens ; u (c) jirrizulta f`grad ta` certu gravita` t-telf, l-aktar f`dawk il-kazijiet fejn jintalbu danni mhux pekunjarji. (ara : QK : **Philip Grech pro et noe vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali et** deciza

fis-17 ta` Dicembru 2010 ; **Victor Gatt et vs Avukat Generali et** deciza fil-5 ta` Lulju 2011 ; **Ian Peter Ellis et vs Avukat Generali et** deciza fl-24 ta` Gunju 2016 ; **Raymond Cassar Torregiani et vs Avukat Generali et** deciza fid-29 ta` April 2016 ; u **Maria Stella sive Estelle Azzopardi et vs Avukat Generali et** deciza fit-30 ta` Settembru 2016).

**i) Danni materjali**

**Premess dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li Davide Sapienza ghandu jedd ghal kumpens ghad-danni materjali risultanti mill-vjolazzjonijiet li garrab, konsistenti fit-telf tal-vettura Ferrari 360 nru. ta` registrazzjoni BG 247 NG.**

Il-kwistjoni li din il-Qorti trid tirrisolvi huwa kemm ghandu jkun stmat it-telf li garrab Davide Sapienza.

L-uniku espert li xehed li spezzjona l-vettura qabel marret barra dawn il-Gzejjer sabiex tinbigh bl-irkant kien Peter Bonnici.

Il-Qorti semghet ix-xiehda ta` Bonnici u rat id-dokumenti li kienu relatati mal-inkariku tieghu.

Il-Qorti semghet ukoll ix-xiehda ta` Natalino Agius li kien inkarikat mir-rikorrent noe sabiex jaghti fehma ta` espert *ex parte* u rat id-dokumenti li kienu relatati mal-inkariku tieghu.

Iz-zewg esperti teknici mhux jaqblu dwar il-valutazzjoni tal-Ferrari.

Il-Qorti sejra twarrab bhala mhux realistika l-valutazzjoni tal-vettura ghall-fini ta` bejgh fis-suq Malti ghar-raguni li t-taxxa ta` registrazzjoni lokali tant hija gholja ghal vettura ta` dak it-tip li ma jaghmel ebda sens finanzjarju li l-Ferrari tinbiegh fis-suq Malti sabiex tintuza fit-toroq ta` dawn il-Gzejjer.

Jekk kien deciz mill-ARD li l-Ferrari tinbiegh barra minn Malta, decizjoni li dwarha din il-Qorti sejra taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha aktar tard, ghaliex seta` jinkiseb prezz ahjar ghaliha f`kaz ta` bejgh bl-irkant, il-valutazzjoni li ghandha tigi adottata hija dik tas-suq internazzjonali.

Il-valutazzjoni li ghamel l-espert Natalino Agius kienet ta` €80,000. Din l-istima ma taghmilx distinzjoni bejn bejgh fis-suq Malti u bejgh fis-suq internazzjoni. Il-valutazzjoni hija tal-vettura *per se*. Dan il-kriterju johrog car hafna anke mid-dokumenti li pprezenta dan l-espert mar-relazzjoni tieghu.

Il-valutazzjoni li ghamel l-espert Peter Bonnici ghall-bejgh tal-vettura fis-suq internazzjonali kienet ta` €55,000.

Il-kuntrast bejn iz-zewg stimi hija evidenti.

Il-Qorti hasbet fit-tul.

Fil-likwidazzjoni li sejra taghmel, il-Qorti mhux se tkun kondizzjonata bil-fatt li minkejja l-valutazzjoni ta` Peter Bonnici fl-ammont ta` €55,000, il-Ferrari nbieghet bl-irkant ghal GBP 33,150 (kif jirrizulta mid-dokumenti li pprezenta Natalino Agius). Tghid dan ghaliex xejn ma kien izomm lill-ARD milli tistabilixxi ghall-bejgh bl-irkant prezz minimu li kien iqarreb lejn il-valutazzjoni ta` Peter Bonnici. Jekk l-ARD kienet kuntenta taccetta li l-vettura tbiegh ghal prezz inferjuri, dak riskju li ghazlet ARD li tiehu, u li ghalih tkun trid terfa` responsabilita`.

**Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li d-danni materjali subiti minn Davide Sapienza minhabba l-lezjonijiet accertati relattivament ghall-Ferrari ghandhom ikunu fl-ammont ta` €65,000.**

Dwar il-vettura Citroen Saxo, il-Qorti mhijiex sejra taghmel ebda likwidazzjoni ghaliex ghalkemm mix-xiehda ta` Brian Farrugia jirrizulta li l-vettura llum mhijiex *road worthy* ma rrizultax ippruvat l-istat li kienet fih il-vettura meta kienet elevata mill-Pulizija.

**ii) <u>Danni mhux pekunjarji</u>**

Ghall-mod kif svolgew il-fatti fil-kaz tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma konsiderata li favur ir-rikorrent noe ghandhom jigu likwidati danni mhux pekunjarji **<u>wkoll</u>**.

Il-Qorti ma tistax tiskarta qisu xejn mhu xejn il-fatt illi ghalkemm din il-kawza kienet qeghda tinstema` u tigi trattata b`heffa, u ghalkemm l-ARD kienet taf b`din il-kawza u x`kien qed jintalab fiha (ara d-deposizzjoni ta` Brian Farrugia) xorta wahda dehrilha li kellha tbiegh il-Ferrari barra minn Malta ghaliex skont l-ARD ma kienx hemm appell mill-provvediment tal-5 ta` Novembru 2018.

Ghalkemm bhala fatt l-ARD ma kienet kolpita b`ebda mandat ta` inibizzjoni li jzommha milli tbiegh il-Ferrari, l-ghaqal u l-prudenza kien jitlob mid-dirigenti ta` l-ARD li ladarba kienu jafu bil-pendenza ta` din il-kawza, kien messhom zammew il-Ferrari fil-compound taghhom wara li din waslet fi stat mitluq ghall-ahhar mill-compound tal-Pulizija.

**Anke jekk jidher li l-Avukat Generali ma kienx jaf bil-passi li kienu ttiehdu mill-ARD, jibqa` l-fatt li fil-kawza tal-lum l-Avukat Generali qieghed jirrapprezenta l-Istat, u ghalhekk jekk ir-rapprezentanti tal-Istat, fit-twettieq tas-setghat taghhom, jonqsu fil-harsien tal-jeddijiet fondamentali tal-persuna, l-Avukat Generali ghandu jkun responsabbli wkoll ghall-hlas ta` danni morali favur min ikun garrab il-lezjoni.**

**Il-Qorti qeghda tistabilixxi d-danni morali fl-ammont ta` €5,000.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :**

**Tilqa` l-ewwel (1) eccezzjoni limitatament u safejn tirrigwarda l-flus kontanti u l-*laptop* tal-marka Toshiba.**

**Tichad l-ewwel (1) eccezzjoni ghall-bqija tal-oggetti mobbli li kienu konfiskati bil-provvediment moghti fil-5 ta` Novembru 2018 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Gabriel Micallef vs Davide Sapienza" (Kumpilazzjoni Nru. 1247/2013).**

**Tichad it-tieni (2) eccezzjoni.**

**Tichad l-eccezzjonijiet fil-mertu.**

**Tilqa` l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba` (4) talbiet.**

**Tilqa` l-hames (5) talba billi :-**

**Fl-ewwel lok, tordna t-thassir tal-provvediment moghti fil-5 ta` Novembru 2018 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Gabriel Micallef vs Davide Sapienza" (Kumpilazzjoni Nru. 1247/2013) ;**

**Fit-tieni lok, tordna lill-intimat, sabiex sa zmien xahar mil-lum, irodd lir-rikorrent noe : il-vettura Citroen Saxo numru ta` registrazzjoni AG 254 BE, it-tliet mobile phones tal-mudell iPhone 4, il-mobile phone tal-mudell Samsung S3 u z-zewg mobile phones Samsung SG 3005 fuq riferiti ;**

**Fit-tielet lok, tillikwida favur ir-rikorrent noe s-somma komplessiva ta` sebghin elf Ewro (€70,000) in kwantu ghal hamsa u sittin elf Ewro (€65,000) in linea ta` danni materjali, u in kwantu ghal hamest elef Ewro (€5,000) in linea ta` danni morali, ghall-vjolazzjonijiet subiti minn Davide Sapienza tal-jeddijiet fondamentali tieghu kif imharsa bil-Kostituzzjoni ta` Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, skont l-ewwel (1) it-tieni (2) it-tielet (3) u r-raba` (4) talbiet ;**

**Fir-raba` lok, tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent noe s-somma hekk likwidata fl-ammont komplessiv ta` sebghin elf Ewro (€70,000).**

**Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**